VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,671, 1 ta' Novembru, 2016*
*Taqsima B*

**L.N. 364 of 2016**

# ATT DWAR L-AWTORTITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

## Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali fejn Jintlaqa' Skart Iġġenerat mill-Bastimenti u Residwi tal-Merkanzija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43(1) u (3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali fejn Jintlaqa' Skart Iġġenerat mill-Bastimenti u Residwi tal-Merkanzija, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali fejn Jintlaqa' Skart Iġġenerat mill-Bastimenti u Residwi tal-Merkanzija, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 499.30

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fid-9 ta' Diċembru, 2016.

Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Dawn ir-regolamenti jdaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill Ewropew 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000, kif sussegwentement emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni (UE) 2015/2087 tat-18 ta' Novembru 2015, dwar faċilitajiet portwali fejn jintlaqa' skart iġġenerat mill-bastimenti u residwi ta' merkanzija. L-iskop ta' din id-Direttiva hu li jnaqqas it-tfigħ fil-baħar ta' skart iġġenerat mill-bastimenti u residwi ta' merkanzija, u b'hekk ikattar il-ħarsien tal-ambjent marittimu.".

Jenumera mill-ġdid ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala r-regolament 17 tagħhom.

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Minnufih wara r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali

VERŻJONI ELETTRONIKA



għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Statistika u informazzjoni oħra.

16. Kull persuna għandha tagħti lill-Awtorità, meta mitluba tagħmel hekk u mingħajr dewmien, kull statistika u informazzjoni oħra, konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, li l-Awtorità tista' titlob minn żmien għal żmien, f'dik il-forma li l-Awtorità tista' tordna.".

Iżid ir-regolament ġdid mar-regolament prinċipali.

**5.** Minnufih wara r-regolament 17, kif enumerat mill-ġdid, tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

"Drittijiet oħra.

18. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 9, id-drittijiet l-oħra kollha li għandhom jitħallsu lill-Awtorità abbażi ta' dawn ir-regolamenti għandhom jiġu stabbiliti, minn żmien għal żmien, mill-Awtorità.".

Jissostitwixxi t-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**6.** It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINGĦATA QABEL ID-DĦUL FIL-PORT TA' .....

*(Port tad-destinazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2000/59/KE)*

1. L-isem, is-sinjal tas-sejħa (call sign) u, meta jkun hekk adatt, in-numru ta' identifikazzjoni OMI (IMO) tal-bastiment:

2. L-Istat tal-Bandiera:

3. Il-ħin mistenni tal-wasla (ETA):

4. Il-ħin mistenni tat-tluq (ETD):

5. L-aħħar port li l-bastiment daħal fih:

6. Il-port li jmiss:

7. L-aħħar port u d-data meta ġie kkunsinnat l-iskart iġġenerat mill-bastiment, inkluż il-kwantitajiet (f'$m^3$) u t-tipi ta' skart li ġew ikkunsinnati:

8. Il-bastiment qiegħed jikkunsinna (immarka l-kaxxa applikabbli):

VERŻJONI ELETTRONIKA



l-iskart kollu ☐ parti mill-iskart ☐ l-ebda skart ☐

li jinsab fuqu f'faċilitajiet portwali fejn jintlaqa' l-iskart?

9. Tip u ammont ta' skart u residwi li għandhom jiġu kkunsinnati u/jew li jkunu ser jinżammu abbord, u l-perċentwali tal-kapaċità massima tal-ħażna:

*Jekk qiegħed tikkunsinna l-iskart kollu, imla t-tieni u l-aħħar kolonni kif imiss. Jekk qiegħed tikkunsinna parti mill-iskart jew mhux qiegħed tikkunsinna ebda skart, imla l-kolonni kollha.*

| Tip | Skart li se jiġi kkunsinnat ($m^3$) | Kapaċità massima dedikata tal-ħażna ($m^3$) | Ammont ta' skart miżmum abbord ($m^3$) | Port fejn ser jkun kkunsinnat l-iskart li fadal | Stima tal-ammont ta' skart li ser ikun iġġenerat bejn meta jingħata l-avviż u l-wasla fil-port li jmiss ($m^3$) | Skart li ġie kkunsinnat fl-aħħar port tal-kunsinna msemmi taħt il-punt 7 hawn fuq ($m^3$) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Skart ta' żjut** | | | | | | |
| Ilma żejtni tas-sentina | | | | | | |
| Residwi żejtnin (ħama) | | | | | | |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | |
| **Drenaġġ** ([1]) | | | | | | |
| **Żibel** | | | | | | |
| Plastik | | | | | | |
| Skart tal-ikel | | | | | | |
| Skart domestiku (pereżempju prodotti tal-karta, ċraret, ħġieġ, metall, fliexken, kina u ċaqquf, eċċ.) | | | | | | |
| Żejt tat-tisjir | | | | | | |
| Irmied tal-inċinerazzjoni | | | | | | |
| Skart operattiv | | | | | | |
| Karkassa/i tal-annimali | | | | | | |
| **Residwi tal-merkanzija** ([2]) (speċifika) ([3]) | | | | | | |
| | | | | | | |

([1]) Id-drenaġġ jista' jintrema fil-baħar f'konformità mar-Regolament 11 tal-Anness IV tal-MARPOL. Ma hemmx il-ħtieġa li l-kaxxi korrispondenti jimtlew jekk il-ħsieb huwa li jsir rimi awtorizzat fil-baħar.

([2]) Jistgħu jkunu stimi.

([3]) Residwi tal-merkanzija għandhom ikunu speċifikati u kategorizzati skont l-Annessi rilevanti tal-MAPROL, b'mod partikolari l-Annessi I, II u V tal-MARPOL.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Noti

1. Din l-informazzjoni tista' tintuża għall-kontroll tal-port mill-Istat u għal finijiet oħra ta' spezzjon.

2. L-Awtorità għandha tiddetermina liema entitajiet u korpi oħra ser jirċievu kopja ta' dan l-avviż.

3. Din il-formola għandha timtela kemm-il darba l-bastiment ma jkollux eżenzjoni skont ir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali fejn jintlaqa' Skart Iġġenerat mill-Bastimenti u Residwi tal-Merkanzija (L.S. 499.30).

Jiena nikkonferma illi:

- id-dettalji hawn qabel mogħtija huma eżatti u korretti; u

- hemm biżżejjed kapaċità abbord iddedikata għall-ħżin tal-iskart kollu iġġenerat bejn meta jingħata l-avviż u l-wasla fil-port li jmiss fejn l-iskart ikun ser jiġi kkunsinnat.

Data .....

Ħin .....

Firma.....

Isem sħiħ (Ittri Kapitali)".